COVID-19 VACCINATION

# LET'S DO THIS – Maltese

NSW GOVERNMENT

# Tilqim għall-COVID-19 għat-tfal (ta' minn 5 sal 11-il sena)

**IBBUKKJA ISSA**

## Għaliex għandhom jitlaqqmu kontra l-COVID-19it-tfal ta' bejn il-5 u l-11-il sena?

COVID-19 huwa virus li jista jikkawża mard serju u mewt, kif ukoll kwistjonijiet ta' saħħa fit-tul. Jista' jinfirex faċilment bejn in-nies u xi kultant ikollu biss ftit jew l-ebda sintomi, li jagħmilha diffiċli li tkun taf li int infettat qabel ma tgħaddiha lil ħaddieħor.

Anki jekk l-infezzjoni tal-COVID-19 fit-tfal ħafna drabi hija aktar ħafifa milli fl-adulti, hemm raġunijiet qawwija biex tagħti s-sapport tiegħek għat-t-tilqim tat-tfal:

- Il-vaċċini jagħtu daqqa t'id lis-sistema immunitarja. Billi tlaqqam lit-tifel/tifla tiegħek, qed tgħin biex tipproteġihom minn mard serju b'effett tal-COVID-19 u l-effetti possibli fit-tul.
- It-tilqim jgħin ukoll biex jipproteġi l-ħbieb, il-familja u l-komnità, inklużi nies vulnerabbli ta' kull età, billi jgħin biex titnaqqas it-trażmissjoni.
- It-tilqim jgħin biex it-tfal jinżammu l-iskola u jipparteċipaw f'attivitajiet soċjali li huma importanti għat-tagħlim u l-iżvilupp tagħhom.

Miljuni ta' tfal madwar id-dinja diġà ġew imlaqqma b'mod sigur kontra l-COVID-19. L-evidenza turi li t-tilqim joffri protezzjoni eċċellenti kontra mard serju mill-COVID-19 fit-tfal u jgħin biex iżżomm il-familja tiegħek sigura u b'saħħitha.

## It-tfal jieħdu l-istess vaċċini u dożi bħall-adulti?

**Le.** Il-vaċċin approvat għat-tfal ta' bejn il-5 u l-11-il sena huwa vaċċin pedjatriku speċjali ta' Pfizer (Comirnaty), b'żewġ dożi mogħtija 8 ġimgħat 'il bogħod minn xulxin.

Id-doża tal-Pfizer fi tfal ta' bejn il-5 u l-11-il-sena hija madwar terz tad-doża mogħtija lil nies minn 12-il sena jew aktar. F'dan il-grupp ta' età tintuża doża iżgħar peress li tista' tikseb l-istess livell għoli ta' protezzjoni fit-tfal bħad-doża mogħtija lil nies ta' 12-il sena 'l fuq.

## L-effetti sekondarji għat-tfal huma l-istess bħal dawk għall-adulti?

**Iva.** It-tfal jistgħu jesperjenzaw l-istess effetti sekondarji komuni bħall-adulti wara li jieħdu vaċċin tal-COVID-19.

Dawn l-effetti sekondarji huma ġeneralment ħfief u jmorru wara ġurnata jew tnejn u jistgħu jinkludu:

- Uġigħ ta' ras
- Deni u bard
- Għeja qawwija / għeja
- Uġiegħ fil-muskoli u uġiegħ fid-driegħ fis-sit ta' l-injezzjoni

Effetti sekondarju ħfief huma normali u juru li s-sistema immunitarja qed tirrispondi għall-vaċċin. Effetti sekondarji mill-vaċċini aktar serji huma rari ħafna. Ir-riskju mil-qbid tal-COVID-19 innifsu huwa ħafna ogħla minn dawk l-istess effetti sekondarji mill-vaċċin. Jekk l-effetti sekondarji jippersistu jew int imħasseb, kellem lit-tabib tiegħek.

> Ibbukkja t-tilqima tal-COVID-19 illum fuq nsw.gov.au


© NSW Ministry of Health December 2021

## Ir-riskju ta' effett sekondarju serju jfisser li m'għandix inlaqqam lit-tfal tiegħi?

**Le.** Il-vaċċini kollha tal-COVID-19 użati fl-Awstralja għandhom profili ta' sikurezza tajbin u ġew ittestjati u vvalutati b'mod rigoruż mill-Amministrazzjoni tal-Oġġetti Terapewtiċi (TGA) u l-Grupp Konsultattiv Tekniku Awstraljan dwar l-Immunizzazzjoni (ATAGI) qabel ma ġew approvati u rakkomandati għall-użu.

Aktar minn 5 miljun tifel u tifla fl-Istati Uniti u miljuni oħra madwar id-dinja ta' bejn il-5 u l-11-il sena s'issa rċevew vaċċin tal-COVID-19 b'mod sigur.

## It-tilqim tal-COVID-19 se jaffettwa t-tkabbir, l-iżvilupp, jew il-fertilità futura tat-tifel/tifla tiegħi?

**Le.** M'hemm l-ebda evidenza li vaċċin tal-COVID-19 jista' jaffettwa t-tkabbir u l-iżvilupp tat-tfal.

Effetti fit-tul mill-COVID-19 jista' jkollhom impatti dejjiema fuq is-saħħa u l-benesseri. Ir-riskju ta' kumplikazzjonijiet mill-qbid tal-virus huwa ogħla mill-effetti sekondarji ġeneralment ħfief tat-tilqim.

## It-tifel/tifla tiegħi għandhom jitlaqqmu jekk diġà kellhom il-COVID-19?

**Iva.** Tfal li kellhom COVID-19 Għandhom jirċievu t-tilqim ladaraba jkunu rkupraw mill-marda tagħhom biex jgħinu jipproteġu kontra infezzjoni oħra.

## It-tifel/tifla tiegħi jistgħu jitlaqqmu mingħajr il-kunsens tiegħi?

**Le.** Tfal ta' bejn il-5 u 11-il sena jeħtieġu ġenitur jew kustodju legali biex jagħti l-kunsens biex jirċievu l-vaċċin tal-COVID-19.

Il-kunsens huwa meħtieġ meta tibbukkja, u għal darb'oħra waqt l-appuntament. Jekk il-ġenitur jew il-gwardjan ma jistgħux jattendi għall-appuntament mat-tifel/tifla, jistgħu jinnominaw adult ieħor biex jattendi għall-appuntament minflokhom meta jagħtu l-kunsens onlajn waqt il-proċess tal-ibbukkjar.

Id-dettalji tal-adult nominat/a biex jakkumpanja it-tifel/tifla jridu jiġu pprovduti waqt l-ibbukkjar sabiex l-identità u l-permess tagħhom biex jagħtu l-kunsens bi prokura jkunu jistgħu jiġu vverifikati dakinhar tal-appuntament.

Għal aktar informazzjoni dwar il-kunsens, żur: [Vaccination consent FAQs for parents and guardians (FAQs dwar il-kunsens tat-tilqim għall-ġenituri u l-gwardjani)].

## It-tilqim kontra l-COVID-19 huwa obbligatorju għat-tfal (inkluż għall-iskola u l-isports eċċ)?

**Le.** It-tilqim kontra l-COVID-19 mhuwiex obbligatorju, iżda huwa mħeġġeġ ħafna.

M'hemm l-ebda rekwiżit għat-tfal li jkollhom il-vaċċin tal-COVID-19 biex jipparteċipaw f'attivitajiet sportivi tal-iskola jew tal-komunità.

## It-tifel/tifla tiegħi jistgħu jieħdi it-tilqima tal-booster?

**Le.** Il-kors ta' tilqim primarju jiġġenera rispons immunitarju qawwi fin-nies iżgħar fl-età.

ATAGI se tqis jekk ikunx hemm bżonn ta' doża booster għal dan il-grupp ta' età fil-futur.

## It-tfal se jitlaqqmu kontra COVID-19 fl-iskola?

**Le.** Ibbukkja għall-vaċċin tal-COVID-19 għat-tifel/tifla tiegħek permezz tat-tabib tiegħek, tal-ispiżerija lokali, tas-Servizz tas-Saħħa Ikkontrollat mill-Komunità Aboriġinali jew klinika tat-tilqim tas-Saħħa fi NSW.

## Kif nibbukkja?

Il-ġenituri huma mħeġġa jibbukkjaw appuntament għat-tilqim għal uliedhom mill-aktar fis possibli.

**Ibbukkja issa onlajn** - www.nsw.gov.au/covid-19/vaccination/get-vaccinated

**Ċempel biex tibbukkja:** Booking helpline: 1800 57 11 55 / Is-Servizz tat-Truduzzjoni u Interpretar (TIS): 131 450

> Ibbukkja t-tilqima tal-COVID-19 illum fuq nsw.gov.au


© NSW Ministry of Health December 2021